MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 156/2011

**T W f'isimha proprju u**
**bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Y**
**vs**
**X N**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fil-11 t'Awissu 2006 twieldet minn relazzjoni mal-konvenut l-minuri Y N W kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid; illi sena wara t-twelid tal-minuri dina r-relazzjoni ntemmet u Y ghexet ma' l-attrici filwaqt li l-konvenut jara lil bintu f'hinijiet u granet miftehma bejn il-partijiet u b'mod regolari; illi minn Ottubru 2009 il-konvenut ma baqghax jghaddi manteniment adegwat peress li huwa jinsab f'relazzjoni ohra li kellu tifel iehor minnha u inoltre ma jahdimx ghalhekk jghaddi €50 fix-xahar li ghandhom ikopru l-ispejjez kollha; illi l-attrici ma tahdimx u tghix mal-genituri taghha li huma anzjani; illi l-medjazzjoni ntemmet

u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza fis-6 ta' Mejju 2011; illi ghalhekk qed titlob li din l-Qorti [1] tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Y tigi fdata lill-attrici b'access lill-konvenut [2] tordna illi kull beneficju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabli lill-minuri tinghata lill-attrici [3] tiffissa ammont ta' flus li ghandu jithallas lill-attrici minghand il-konvenut bhala kumpens ghaz-zmien kollu li l-attrici ilha tippprovdi ghal bintha minn Ottubru 2009 sad-data tas-sentenza [4] tiffissat rata ta' kull gimgha bhala manteniment xieraq u adegwat ghal Y bl-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni li ghandu jigi rivedut minn zmien ghal zmien; bl-ispejjez

Rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeghda titlob li din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici b'access adegwat lill-konvenut, tordna li l-beneficcji socjali u/jew ghajnuna socjali ghall-minuri jinghataw lill-attrici, tiffissa rata ta' manteniment bl-arretrati minn Ottubru 2009.

Minn naha tieghu l-konvenut baqgha ma pprezenta l-ebda risposta.

**Il-Fatti**

Illi l-attrici tghid li kellha relazzjoni mal-konvenut fejn twieldet tifla minuri fil-11 t'Awissu 2006 li ggib l-isem ta' Y. Sena wara dina r-relazzjoni tkissret u l-partijiet ma baqghux flimkien.

Illi fit-28 t'Awissu 2006 il-partijiet iffirmaw ittra indirizzata lid-Dipartiment tas-servizzi socjali fejn iddikjaraw li [1] l-kura u l-kustodja tal-minuri sejra tkun f'idejn l-attrici [2] l-attrici flimkien mat-tarbija jghixu mal-genituri ta' l-istess

attrici [3] l-“allowance” tat-tfal ser tehodha l-attrici [4] il-konvenut qed jghaddi Lm10 fil-gimgha lill-attrici bhala manteniment tal-minuri.

L-attrici tghid li l-konvenut ma baqghax jghaddi manteniment ghall-minuri bejn Ottubru 2009 u Novembru 2010 izda minn Dicembru 2010, u cjoe mill-medjazzjoni, huwa beda jghaddi s-somma ta’ €50 fix-xahar u dan minhabba li l-attrici tghid li l-konvenut sostna li ma jahdimx u anke peress li huwa ghandu relazzjoni ohra fejn minn dina r-relazzjoni kellu wild iehor.

Illi l-attrici qalet li hija ma tahdimx izda tippercepixxi €306 fix-xahar bhala ghajnuna socjali. Hija tghid li ma tistax tahdem minhabba l-fatt li hija m’ghandhiex ma minn thalli t-tifla u jkollha twassala u terga tmur ghaliha l-iskola.

L-attrici qeghdha titlob €150 fix-xahar u l-ispejjez straordinarji tal-minuri.

Il-konvenut jara lill-minuri regolarment tlett darbiet jew erbgha fil-gimgha u f’gimghat alternati, darba fil-gimgha, torqod mal-konvenut u dan skond l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta, l-ebda prova u m’ghamel l-ebda sottomissjoni. Inoltre, ma gab l-ebda prova dwar l-introju tieghu jew dwar il-flus li huwa jghaddi jew ghadda lill-attrici.

Illi fl-ittra sucitata li saret fl-istess xahar li twieldet it-tarbija l-konvenut accetta li l-kura u l-kustodja tkun fdata f’idejn l-attrici u li l-“allowance” tal-minuri tigi ppercepita mill-attrici.

Illi ma ngabet l-ebda raguni ghaliex il-konvenut m’ghandux jahdem u jsib impieg.

Illi fir-rigward ta’ l-access tal-minuri jidher li l-partijiet ghandhom diga` *modus vivendi* li qeghda tahdem.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-attrici b' access favur il-konvenut kull nhar ta' Erbgha mill-4:30pm sas-6:30pm u kull nhar ta' Sibt/ Hadd b' mod alternat mid-9:30am sa 12:30pm;

[2] tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-beneficcji u/jew ghajnuna socjali tal-minuri jigu percepiti mill-attrici;

[3] tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' elfejn u hamsin ewro (€2050) bhala manteniment arretrat[1];

[4] tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u ghoxrin ewro (€120) fix-xahar bil-quddiem lill-attrici bhala retta alimentari ghall-minuri Y, u dan ghandu jizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja; inoltre l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri kontra d-debiti ricevuti jew fatturi.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ottubru 2009 sa Novembru 2010 - 13-il xahar x €100 = €1300
Dicembru 2010 sa Marzu 2012 – 15-il xahar x €50 = €750
Total €2050